A.L. 34 ta' l-1988

ORDINANZA DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-PROPRJETÀ INDUSTRIJALI (KAP. 29)

Regolamenti ta' l-1988 li Jemendaw l-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu ma' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 146 ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw l-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu ma' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu ma' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali.

Jossostitwixxi l-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu ma' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali.

2. Minflok l-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu ma' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali, għandhom jidħlu dawn l-Iskedi ta' Drittijiet li jinsabu miġburin fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

SKEDA

(Regolament 2)

SKEDI TA' DRITTIJIET

(Artikoli 12, 57, 72, 83, 101, 136, 146)

SKEDA "A"

Drittijiet għall-Akkwist ta' Privattivi u Tiġdid Tagħhom

		Lm c m	Lm c m
1.	Fuq talba għall-protezzjoni proviżorja	15.00,0	
2.	Fuq preżentata ta' speċifikazzjoni kompluta	17.00,0	
	jew		32.00,0
3.	Fuq preżentata ta' speċifikazzjoni flimkien ma' l-ewwel talba		32.00,0
4.	Fuq att ta' oppożizzjoni għall-konċessjoni ta' privattiva — mill-opponent		10.00,0
5.	Fuq talba għal tibdil ta' speċifikazzjoni		10.00,0
6.	Fuq att ta' oppożizzjoni għal tibdil — mill-opponent ..		5.00,0

		Lm c m
7.	Fuq talba għal tibdil ta' speċifikazzjoni waqt l-azzjoni jew il-proċediment — mill-konċessjonarju	10.00,0
8.	Fuq oppożizzjoni għall-konċessjoni ta' liċenza obbligatorja — mill-konċessjonarju	6.00,0
9.	Fuq talba ta' sid li jkun qed jitlob it-tħassir tad-dħul ta' reġistrazzjoni ta' privattiva li jkun is-sid tagħha	6.00,0
10.	Għat-tħassir mir-reġistru ta' privattiva wara talba li ssir minn sidha	26.00,0
11.	Għall-oppożizzjoni għat-talba ta' sid li jħassar reġistrazzjoni ta' privattiva	26.00,0

Drittijiet ta' Kull Sena

12.	Qabel ma tagħlaq ir-raba' sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi l-ħames sena	25.00,0
13.	Qabel ma tagħlaq il-ħames sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi s-sitt sena	30.00,0
14.	Qabel ma tagħlaq is-sitt sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi s-seba' sena	35.00,0
15.	Qabel ma tagħlaq is-seba' sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi t-tmien sena	40.00,0
16.	Qabel ma tagħlaq it-tmien sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi d-disa' sena	45.00,0
17.	Qabel ma tagħlaq id-disa' sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi l-għaxar sena	50.00,0
18.	Qabel ma tagħlaq l-għaxar sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi l-ħdax-il sena	55.00,0
19.	Qabel ma tagħlaq il-ħdax-il sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi t-tnax-il sena	60.00,0
20.	Qabel ma tagħlaq it-tnax-il sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi t-tlettax-il sena	65.00,0
21.	Qabel ma tagħlaq it-tlettax-il sena mid-data tal-privattiva u għal dik li hi l-erbatax-il sena	70.00,0

Għat-tiġdid taż-żmien għall-ħlas tad-drittijiet ta' kull sena, eċċ.

22.	Mhux iżjed minn xahar	5.00,0
23.	Mhux iżjed minn xahrejn	7.00,0
24.	Mhux iżjed minn tliet xhur	10.00,0
25.	Għal kull trasferiment, konvenzjoni, liċenza jew tiġdid ta' privattiva	4.00,0
26.	Għal ċertifikat duplikat ta' *Warrant* (għal kull wieħed)	6.00,0
27.	Fuq l-avviż lill-Kontrollur dwar il-ħsieb ta' espożizzjoni ta' privattiva taħt l-artikolu 47	4.00,0
28.	Għad-dritt ta' riċerka jew spezzjon (għal kull waħda) .	4.00,0
29.	Għal kull ċertifikat maħruġ mill-Kontrollur	3.00,0
30.	Għat-tibdil ta' indirizz fir-reġistru	3.00,0
31.	Għat-tiġdid ta' żmien għall-preżentata ta' l-ispeċifikazzjoni kompluta, mhux iżjed minn xahar ...	3.00,0
32.	Fuq talba għall-konċessjoni mill-ġdid ta' privattiva	50.00,0
33.	Tibdil f'isem	3.00,0
34.	Għal kopji ta' speċifikazzjonijiet inklużi disinji — għal kull paġna	0.30,0
35.	Fuq talba lill-Kontrollur biex jissewwa żball ta' traskrizzjoni fuq applikazzjoni (qabel ir-reġistrazzjoni)	3.00,0

SKEDA "B"

Lm c m

Drittijiet għar-Reġistrazzjoni ta' "Trade Marks"

1.	Fuq talba għar-reġistrazzjoni ta' *trade mark* għal oġġett wieħed jew iżjed li jidħlu fi klassi waħda, li għalihom il-marka għandha tiġi reġistrata	15.00,0
2.	Għar-reġistrazzjoni ta' *trade marks* għal oġġett wieħed jew iżjed li jidħlu fi klassi waħda	20.00,0
3.	Għar-reġistrazzjoni ta' serje ta' *trade marks,* għal kull talba addizzjonali wara l-ewwel talba, f'kull klassi	7.00,0
4.	Fuq att ta' oppożizzjoni, għal kull talba opposta mill-opponent	10.00,0
5.	Fuq talba għar-reġistrazzjoni ta' l-akkwirent ta' wara fil-każijiet ta' trasferiment ta' l-ewwel marka	20.00,0
6.	Għal kull marka addizzjonali trasferita jew mibgħuta fl-istess ħin	5.00,0
7.	Għall-kontinwazzjoni tal-jedd għall-użu esklużiv tal-marka wara li jagħlqu 14-il sena	30.00,0
8.	Dritt addizzjonali meta d-dritt jitħallas tliet xhur wara li jagħlqu 14-il sena	15.00,0
9.	Dritt addizzjonali għall-konċessjoni mill-ġdid ta' *trade mark* meta tkun ġiet imħassra minħabba n-nuqqas tal-ħlas tad-dritt	30.00,0
10.	Għat-tibdil ta' indirizz fir-reġistru, għal kull marka	5.00,0
11.	Għal kull reġistrazzjoni ta' korrezzjoni ta' marka jew tibdil fir-reġistru, li għalih ma jkun tħallas ebda dritt ..	5.00,0
12.	Fuq talba minn sid li jkun qed jitlob it-tħassir tad-dħul ta' reġistrazzjoni ta' *trade mark* li jkun is-sid tagħha ...	10.00,0
13.	Għat-tħassir mir-reġistru ta' *trade mark* wara talba li ssir minn sidha	30.00,0
14.	Għall-oppożizzjoni għat-talba ta' sid li jħassar reġistrazzjoni ta' *trade mark*	30.00,0
15.	Fuq talba lill-Kontrollur biex jissewwa żball ta' traskrizzjoni, jew għall-permess biex isir tibdil fit-talba	5.00,0
16.	Għal kull ċertifikat mill-Kontrollur	5.00,0
17.	Għall-kopja ta' avviż ta' reġistrazzjoni	2.00,0
18.	Għal tfittix jew għall-ispezzjon ta' reġistru minn persuna interessata, għal kull kwarta ta' siegħa	3.00,0
19.	Għal estratt mir-reġistru (inkluża kopja ta' tikketta, jekk ikun il-każ) jew għal ċertifikat li juri li ma tkunx saret reġistrazzjoni	5.00,0

SKEDA "Ċ"

Drittijiet għar-Reġistrazzjoni ta' Disinni

1.	Fuq talba għar-reġistrazzjoni ta' disinni jew mudelli ta' manifattura, għal kull disinn	6.00,0
2.	Għar-reġistrazzjoni ta' disinni jew mudelli ta' manifattura, għal kull reġistrazzjoni	6.00,0
3.	Fuq talba għar-reġistrazzjoni ta' l-akkwirent ta' wara	6.00,0
4.	Għall-kontinwazzjoni tal-jedd għall-użu esklużiv ta' disinn jew mudell ta' manifattura wara l-egħluq ta' l-ewwel ħames snin	15.00,0

		Lm c m
5.	Għall-kontinwazzjoni tal-jedd għall-użu esklużiv ta' disinn jew mudell ta' manifattura wara l-eġħluq tat-tieni ħames snin	15.00,0
6.	Għat-tibdil ta' indirizz fir-reġistru għal kull disinn jew mudell	3.00,0
7.	Fuq talba lill-Kontrollur biex jissewwa żball ta' traskrizzjoni, jew għall-permess biex isir tibdil fit-talba	2.00,0
8.	Għal kull ċertifikat mill-Kontrollur	2.00,0
9.	Għal kopja ta' avviż ta' reġistrazzjoni	2.00,0
10.	Fuq talba minn sid li jkun qed jitlob it-tħassir tad-dħul ta' reġistrazzjoni ta' disinn li jkun is-sid tiegħu	5.00,0
11.	Għat-tħassir mir-reġistru ta' disinn wara talba li ssir minn sidu	15.00,0
12.	Għall-oppożizzjoni għat-talba ta' sid li jħassar reġistrazzjoni ta' disinn	12.00,0